**4 ta' Settembru, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Giuseppe Portelli.

**Drenaġġ — Sid — Użufruttwarju — Kerrejja — Art. 400 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 2 u 104 tal-Kap. 13.**

*Is-sid ta' fond huwa responsabbli "in criminalibus" għat-tiswijiet tad-drenaġġ ta' dak il-fond; u l-użufruttwarju, skond il-liġi ċivili (salva r-responsabbiltà tiegħu f'ċerti każijiet anki għal dawk straordinarji), hu tenut jagħmel ir-riparazzjonijiet li jkunu ta' natura ordinarja, u kwindi għat-tiswijiet fid-drenaġġ li jkunu ta' natura ordinarja.*

*Kwantu għall-otturament tad-drenaġġ, normalment u fil-prattika, jiġi mħarrek l-okkupant tal-fond, u mhux is-sid; imma għal dan hemm tliet eċċezzjonijiet; waħda, meta l-otturament ikun eżista minn qabel l-okkupazzjoni tal-fond; l-oħra, meta l-otturament ikun ġara minħabba difett fil-kostruzzjoni; u l-oħra, meta l-loki komodu jservi għal aktar minn fond wieħed. B'mod illi, meta si tratta ta' kerrejja, anki l-obligu tar-rimozzjoni tal-otturament jinkombi fuq l-użufruttwarju, li għandu jitqies bħala sid għas-sens tal-liġi.*

*Dan, però, jingħad "in criminalibus"; għaliex "civiliter" jista' jkun hemm rapporti oħra li jintitolaw lill-użufruttwarju għar-regress kontra l-proprjetarju "nudo" jew kontra l-inkwilin, "si et quatenus".*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imsemmija Portelli talli f'dawn il-granet, fil-Belt Valleta, Steps Street no. 15, naqset li żżomm il-loki komodu u l-katusi tad-drenaġġ fi stat tajjeb ta' tiswija, u żammet id-drenaġġ miżdud;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-11 ta' Awissu 1962, li biha ġie deċiż, in vija preliminari, u in meritu għall-eċċezzjoni defensjonali, illi l-imputata, bħala użufruttwarja, tal-fond "de quo", għandha titqies "sid", billi tassumi l-karattru ta' sid, u li għalhekk

hija tenuta għall-osservanza tal-preskritt tal-art. 104 tal-Kap. 13, li fuqu hi bażata l-imputazzjoni;

Rat is-sentenza finali tal-istess Qorti in pari data, li biha l-imputata ġiet misjuba ħatja u ġiet kundannata għall-piena tar-riprensjoni u ammonizzjoni u ġie lilha prefiss it-terminu ta' għaxart ijiem biex tuniforma ruħha mall-liġi taħt penali ta' 5s. kulljum għal kull ġurnata ta' nuqqas;

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputata, li bih talbet ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija u li hi tiġi liberata;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-imputata nsistiet fuq il-preġudizzjali minnha opposta anki f'din it-tieni sede;

Għandu jiġi osservat, għall-aħjar intelliġenza tal-kwistjoni li ġiet devoluta lil din il-Qorti, illi l-imputazzjoni hi dupliċi; waħda tirrigwarda n-nuqqas ta' stat tajjeb ta' tiswija tal-loki komodu u tal-katusi tad-drenaġġ, u l-oħra tirrigwarda l-otturament tad-drenaġġ. Id-distinzjoni hija mportanti anki għall-finijiet tal-preġudizzjali;

Infatti, b'liġi (art. 104 (1) Kap. 13), is-sid hu respon-sabbli, "in criminalibus", għal tiswijiet simili; u b'liġi wkoll (art. 400 Kap. 23 Ediz. Riv.), l-użufruttwarju hu tenut għar-riparazzjonijiet ordinarji (salva r-responsabbiltà tiegħu f'ċerti każijiet anki għal dawk straordinarji). Issa, f'dan il-każ non si trattava ta' xi difett strutturali fil-kos-truzzjoni tad-drenaġġ, li jirrikjedi rinnovament "ex inte-gro", imma ta' riparazzjonijiet (ċioè tibdil ta' katusi u tib-dil tad-W.C., li jibqgħu fl-ambitu tal-ordinarju) (ara xhieda Spettur Sanitarju Caruana u dikjarazzjoni verbalizzata l-lum); u għalhekk għar-rigward tagħhom żgur li l-użufrut-twarju, li b'liġi hu tenut jagħmilhom, jassumi l-karattru ta' sid għas-sens tad-definizzjoni nterpretattiva ta' dik il-kelma fl-art. 2 tal-Kap. 13 u għall-finijiet tal-art. 104(1) ibidem. Għalhekk ma hemmx lok għall-preġudizzjali fil-każ tal-ewwel imputazzjoni;

Kwantu għat-tieni mputazzjoni, dik ta' otturament tad-drenaġġ, din normalment hi materja li fuqha jiġi mħarrek l-okkupant tal-post, u mhux is-sid, kif jidher mit-tielet subartikolu tal-art. 104 tal-Kap. 13 (ara wkoll xhieda Spettur Sanitarju Caruana); u din hija l-prattika li tiġi segwita; u hu ġust li jkun hekk, għaliex huwa l-okkupant u l-membri tal-familja tiegħu li jkunu kontinwament qegħdin jagħmlu użu mill-loki komodu, u preżumibbilment tkun l-inkurja tagħhom li tkun ġiebet l-otturament. Infatti, għal otturamenti simili l-inkwilin ma hux soltu jirrikorri lis-sid, imma jipprovdi hu stess biex jirrimwovi l-inkonvenjent;

Għalhekk, normalment għal din it-tieni mputazzjoni kien ikun ċitabbli l-okkupant. Iżda l-liġi tikkomporta tliet eċċezzjonijiet; waħda li l-otturament ikun eżista minn qabel l-okkupazzjoni, l-oħra illi l-otturament ikun ġara minħabba difett ta' kostruzzjoni, u t-tielet meta l-loki komodu jservi għal aktar minn fond wieħed;

Il-każ preżenti jaqa' taħt it-tielet eċċezzjoni, għax il-fond hu kerrejja, u f'każ simili l-liġi ma tippreskrivix aktar il-proċedura kontra l-okkupant għaliex allura jkun diffiċli li wieħed jaċċerta min fost l-okkupanti jkun ikkaġuna l-otturament, mentri din hi materja ta' saħħa publika, li ma tammettix temporeġġjamenti;

Jibqa' li wieħed jara għalhekk, jekk, għall-finijiet anki ta' din it-tieni mputazzjoni, l-imputata, bħala użufruttwarja, għandhiex titqies "sid" għas-sens tad-dispożizzjoni nterpretattiva tal-art. 2 tal-Kap. 13;

Ma jistgħax jingħad li l-imputata tirrappreżenta l-"proprietario nudo" fl-amministrazzjoni tal-kerrejja; għax dan ma jirriżultax, u l-użufrutt ma hux prokura ta' amministrazzjoni. Lanqas jirriżulta li l-imputata qegħedha b'xi mod taġixxi għan-nom tas-sid. U għalhekk taħt dawn iż-żewġ aspetti tad-definizzjoni tal-liġi l-imputata mhijiex ċitabbli;

Imma l-każ tagħha jaqa' taħt it-tielet aspett, dak ta' min ikollu l-karattru ta' sid. Infatti, l-użufruttwarju huwa dak li għandu l-pussess effettiv, ossija attwali, tal-fond,

minħabba li lilu jmiss il-godiment. Għandu anki l-amministrazzjoni tal-fond użufruwit (meta din ma tkunx lilu mneħħija — dak li ma jirriżultax fil-każ preżenti). Il-"proprietario nudo" ma għandux ħlief il-pussess ġuridiku, ossija "constructive"; u għalhekk ma hux hu li jikkontrolla l-fond. Issa, bir-raġun il-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna f'din il-materja, f'każijiet analogi, dejjem irriteniet bħala konsiderazzjoni deċiżiva din iċ-ċirkustanza tal-pussess effettiv; u dan hu naturali li jkun hekk, għaliex il-Pulizija tiċċita lil min jista' jagħmel it-tiswijiet meħtieġa, u jista' jagħmilhom mhux min għandu l-pussess sempliċement ġuridiku, imma min għandu l-pussess effettiv jew attwali. Għalhekk l-imputata għandha titqies bħala li għandha l-karattru ta' sid, u per konsegwenza hija tenuta li tagħmel dak li jeħtieġ biex jiġi rimoss l-inkonvenjent;

Dan, s'intendi, "in criminalibius". "Civiliter" jista' jkun hemm rapporti oħra, sija bejn l-użufruttwarju u l-proprjetarji nudi, sija bejn l-użufruttwarju u l-inkwilini, u f'dan l-aħħar każ tant in bażi għar-relazzjonijiet "locato conducto", kemm ukoll in bażi għal xi fatt addebitabbli talvolta speċifikatament għal inkwilin determinat; u hu għalhekk ġust li jiġi dikjarat li din is-sentenza, li hija mpernjata biss fuq il-punt tar-responsabbiltà kriminali, skond id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet li jinduċu dik ir-responsabbiltà fl-interess tal-kommunità u għar-rimozzjoni solleċita ta' inkonvenjent simili, dannus għas-saħħa publika, ma għandhiex iġġib ebda preġudizzju għal kull dritt ta' regress, jew xort'oħra, li, "si et quatenus", jista' jispetta lill-imputata kontra kull min imiss;

Għal dawn ir-raġunijiet u fis-sens tagħhom, din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma ż-żewġ sentenzi appellati. It-terminu ta' għaxar tijiem fissat mill-Ewwel Qorti jibda jgħaddi mil-lum.